

Brussell, 22 ta' Settembru 2026
(OR. en)

12788/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0266(NLE)

RESUA 31
FIN 1216
ECOFIN 1148
ELARG 167
COEST 638
DEVGEN 141
UA PLATFORM 24

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-ilħuq
sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet għall-pagament parzjali tat-tmien pagament
parzjali skont il-Pjan għall-Ukrajna tal-Faċilità għall-Ukrajna

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**li tistabbilixxi l-ilħuq sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet
għall-pagament parzjali tat-tmien pagament parzjali
skont il-Pjan għall-Ukrajna tal-Faċilità għall-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-
29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 26(4)
tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L, 2024/792, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/792/oj>.

Billi:

- (1) Il-Pilastru I tal-Faċilità għall-Ukrajna (“il-Faċilità”), stabbilit bir-Regolament (UE) 2024/792, iqiegħed għad-dispożizzjoni appoġġ finanzjarju sa EUR 46 873 049 093,86², inkluż il-finanzjament tranżitorju eċċezzjonali, disponibbli għall-Ukrajna għall-perjodu 2024-2027 fil-forma ta’ appoġġ mhux ripagabbli u ta’ self. Il-finanzjament taħt il-Pilastru I huwa allokat prinċipalment abbażi tal-Pjan għall-Ukrajna tal-Faċilità (il-“Pjan”), approvat bid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1447³.
- (2) L-iskeda ta’ żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-Pjan, inkluż il-passi kwalitattivi u kwantitattivi li huma marbuta mal-finanzjament taħt il-Pilastru I tal-Faċilità, hija stabbilita fl-Anness tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2024/1447.

² Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2026/1923 tat-30 ta’ Lulju 2026 li temenda d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2024/1447 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna (ĠU L, 2026/1923, 7.8.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2026/1923/oj).

³ Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1447 tal-14 ta’ Mejju 2024 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna (ĠU L, 2024/1447, 24.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/1447/oj).

- (3) Is-somma totali tar-riżorsi finanzjarji disponibbli għall-Pjan skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447 tammonta għal EUR 40 873 049 093,86, li minnhom EUR 5 523 049 093,86 huma fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u sa EUR 35 350 000 000 huma fil-forma ta' self. Dan jinkludi assistenza baġitarja addizzjonali magħmula disponibbli taħt is-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna, stabbilit bir-Regolament (UE) 2026/467 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, u mgħoddija permezz tal-Pilastru I tal-Faċilità li żżid ir-riżorsi finanzjarji disponibbli fil-forma ta' self. Ammont ta' EUR 8 350 000 000 sar disponibbli b'dan il-mod għall-2026.
- (4) F'konformità mal-Artikoli 24 u 25 tar-Regolament (UE) 2024/792, ġew żborżati EUR 6 000 000 000 lill-Ukrajna bħala finanzjament tranżitorju eċċezzjonali u EUR 1 890 000 000 fil-forma ta' prefinanzjament, li jirrappreżenta pagament antiċipat ta' 7 % tal-appoġġ fil-forma ta' self li l-Ukrajna hija eliġibbli li tirċievi skont il-Pjan.
- (5) F'konformità mal-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) 2024/792, ġew żborżati EUR 21 640 176 104 lill-Ukrajna fl-ewwel seba' pagamenti parzjali taħt il-Pjan. Minn dak l-ammont, ġew żborżati EUR 3 924 252 880 fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u EUR 17 715 923 224 fil-forma ta' self. F'konformità mal-Ftehim ta' Self konkluż bejn l-Unjoni u l-Ukrajna skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2024/792, ammont ta' EUR 1 333 456 586 minn dawk l-ewwel seba' pagamenti parzjali ntuża biex jiġi kklerjat il-prefinanzjament tas-self.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2026/467 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2026 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa għall-istabbiliment tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna għall-2026 u l-2027 (ĠU L, 2026/467, 26.2.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2026/467/oj>).

- (6) F'konformità mal-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2024/792, fl-24 ta' Awwissu 2026, l-Ukraina ressqet talba debitament ġustifikata għall-pagament ta' parti mill-ħames, is-seba' u t-tmien pagament parzjali taħt il-Pjan, li tammonta għal EUR 3 333 597 327. It-talba kopriet ukoll tliet passi taħt pagament parzjali sussegwenti. It-talba kienet akkumpanjata minn sensiela ta' dokumenti ppreżentati bħala evidenza tal-ilħuq sodisfaċenti ta' pass wieħed fil-ħames pagament parzjali, tliet passi fis-seba' pagament parzjali, erba' passi fit-tmien pagament parzjali u tliet passi fid-disa' pagament parzjali. L-Ukraina ressqet ukoll id-dokumenti kollha meħtieġa skont l-Artikolu 12 tal-Ftehim Qafas, l-Artikolu 5 tal-Ftehim ta' Finanzjament u l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Self konkluż bejn l-Unjoni u l-Ukraina skont l-Artikoli 9, 10 u 22, rispettivament, tar-Regolament (UE) 2024/792.
- (7) Il-passi li jirfdu l-aħħar talba tal-Ukraina huma relatati ma' diversi riformi stabbiliti fil-Pjan taħt il-kapitoli dwar is-sistema ġudizzjarja, is-swieq finanzjarji, il-kapital uman, l-ambjent tan-negozju, is-settur tal-enerġija, is-settur agroalimentari, it-tranżizzjoni ekoloġika u l-protezzjoni ambjentali. L-Ukraina ppubblikat il-valutazzjoni tar-reżiljenza tas-sistema bankarja tagħha kif ukoll ir-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-appoġġ mill-Istat ipprovdut permezz tar-Reġistru Agrikolu tal-Istat. Daħlet fis-seħħ leġiżlazzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar in-networks esterni tal-inġinerija, dwar dikjarazzjonijiet tal-integrità tal-imħallfin u l-proċess għall-verifika ta' dawk id-dikjarazzjonijiet, dwar tisħin distrettwali aktar effiċjenti u aktar sostenibbli, dwar is-sikurezza tat-traffiku u l-interoperabbiltà tat-trasport ferrovjarju, u dwar riżoluzzjoni mtejba ta' self improduttiv. Barra minn hekk, inħatar operatur ġdid tas-suq tal-elettriku, u ġew adottati pjan operazzjonali biex jingħelbu d-differenzi fil-pagi bejn il-ġeneri u emendi għall-proċedura għall-monitoraġġ tal-istat tal-ilma.

- (8) F'konformità mal-metodoloġija għat-trattament tat-twerttiq parzjali tal-passi fil-Pjan, stabbilita fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' April 2026 (il-“metodoloġija”), jenħtieġ li jkun possibbli li l-valur tas-sospensjoni jiġi aġġustat biex jitqiesu l-fatturi ta' mitigazzjoni.
- (9) F'konformità mal-Artikolu 26(3) tar-Regolament (UE) 2024/792, il-Kummissjoni vvalutat it-talba tal-Ukrajna fid-dettall u għamlet valutazzjoni pożittiva tal-ilħuq sodisfaċenti ta' pass pendenti wieħed meħtieġ għall-ħames pagament parzjali, ta' tliet passi pendenti minn dawk meħtieġa għas-seba' pagament parzjali u ta' tliet passi mis-seba' meħtieġa għat-tmien pagament parzjali, kif speċifikat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni vvalutat li l-evidenza pprovduta għal wieħed mill-passi meħtieġa għat-tmien pagament parzjali mhijiex biżżejjed biex jiġi konkluż li ntlaħaq b'mod sodisfaċenti. Dik il-valutazzjoni saret fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Pjan. Aktar allinjament mal-*acquis* tal-Unjoni se jiġi ffaċilitat permezz tal-proċess ta' adeżjoni mal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għamlet valutazzjoni pożittiva tal-ilħuq sodisfaċenti ta' tliet passi fid-disa' pagament parzjali u inkludiet il-valutazzjoni tagħha ta' dawk il-passi fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni. Dik il-valutazzjoni titwettaq biss bil-ħsieb tal-applikazzjoni tal-metodoloġija tal-pagament parzjali u hija mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni sħiħa tad-disa' pagamenti parzjali. Dan ma jinvolvix pagament doppju għall-passi kkonċernati. Abbażi ta' dik il-valutazzjoni u f'konformità mal-metodoloġija jenħtieġ li jitnaqqas il-valur ta' sospensjoni relatat mal-passi mhux milħuqa taħt it-tmien pagament parzjali, filwaqt li jiġi żgurat li jinżammu għaddejjin biżżejjed incenċivi sabiex l-Ukrajna timplimenta l-passi mhux milħuqa. It-tliet passi mwettqa b'mod sodisfaċenti mid-disa' pagament parzjali tqiesu fid-determinazzjoni tat-tnaqqis propost tal-valur tas-sospensjoni.

- (10) Fit-talba għall-pagament tagħha, l-Ukrajna kkonfermat li ma reġġgħet lura l-ebda miżura relatata mal-passi li hija kienet laħqet preċedentement b'mod sodisfaċenti.
- (11) Il-Kummissjoni qieset ulterjorment li l-Ukrajna għadha tissodisfa l-prekundizzjoni għall-appoġġ tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2024/792. B'mod partikolari, l-Ukrajna tkompli żżomm u tirrispetta mekkaniżmi demokratiċi effettivi, inkluża sistema parlamentari b'diversi partiti, u l-istat tad-dritt, u tiggarrantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi.
- (12) Għalhekk, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tistabbilixxi li l-Ukrajna laħqet b'mod sodisfaċenti l-kundizzjonijiet rilevanti għall-pagament tal-ħames pagament parzjali fir-rigward ta' pass pendenti wieħed taħt il-Pjan, tas-seba' pagament parzjali fir-rigward ta' tliet passi pendenti u tat-tmien pagament parzjali fir-rigward ta' tliet passi mis-sebgħa.
- (13) Meta jitqiesu l-ħtiġijiet urġenti ta' finanzjament tal-Ukrajna, huwa ta' importanza kbira li l-fondi jiġu żborżati malajr kemm jista' jkun. Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni u bil-ħsieb li jitħaffef il-proċess, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jenħtieġ li tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-ilħuq sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet rilevanti għall-pagament parzjali f'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447 tal-ġurnali, is-seba' u t-tmien pagamenti parzjali tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u tal-appoġġ fil-forma ta' self li jammontaw għal EUR 3 047 005 318,86 qabel ma jiġi kklerjat il-prefinanzjament, li minnhom EUR 386 258 902 jikkorrispondu għall-ġurnali payment parzjali, EUR 368 010 367 jikkorrispondu għas-seba' payment parzjali u EUR 2 292 736 049,86 jikkorrispondu għat-tmien payment parzjali, huwa permezz ta' dan stabbilit f'konformità mal-valutazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2024/792 u annessa ma' din id-Deċiżjoni.
2. L-applikazzjoni ta' fattur mitiganti hija stabbilita, filwaqt li jitqies l-ilħuq sodisfaċenti ta' tliet passi taħt id-disa' payment parzjali, l-importanza tal-passi li ma ntlaħqux u r-raġunijiet għala ma ntlaħqux, kif ukoll l-importanza tal-passi kwantitattivi u kwalitattivi li ntlaħqu kmieni. L-applikazzjoni tal-fattur mitiganti għandha twassal għall-valur tas-sospensjoni li jikkorrispondi għall-passi li ma ntlaħqux taħt it-tmien payment parzjali mnaqqsa bl-ammont ta' EUR 1 146 368 024.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
